FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 25 TA' JANNAR 2017

Il-Pulizija

Spettur Arthur Mercieca

vs

Stefan Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 203984M akkuzat talli:

1. nhar l-14 ta' Lulju 2011, gewwa Rahal Gdid (hdejn il-Hibs Ground) bejn it-20.00 21.30 ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura DEB 815 ghad-dannu ta' Ryan Oliver Cauchi u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-€239.24, izda huwa ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura DEB 815 ghad-dannu ta' Ryan Oliver Cauchi liema hsara ma teccedix il-€250, Artikolu 325 1c tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;
3. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1)(2) tal-Kap 9, l-Artikolu 325 1c tal-Kap 9 u l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat